# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA’ XBIEX

3 IS-SEBA’ LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 33

Il-Ġimgħa 20 ta’ Frar 2015 FIL-5.30 TA’ FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AGENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

Is-Sindku issospenda l-aġenda sabiex jiġu diskussi l-estimi finanzjarji għas-sena 2014. L-*accountant* tal-Kunsill ta' preżentazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2014. Wara diskussjoni, l-*Financial Statements* ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

## PUNT 1 – APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

**Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 30**
F Roe qal li f'paġna 3, għandu jiġi l-kliem *'Gala Centre Stores'* u mhux *'Gala Centre'.*
**Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 31**
Dwar punt 3, is-Sindku ressaq is-segwenti emenda: '… dwar il-proposti li proponew l-kumpanija KDM, sussegwentament ġew diskussi dawn l-istess proposti li kienu jgħidu kif jista jsir parkeġġ bi ħlas fil-Marina'. Il-Kunsill ma qabilx ma dawn il-proposti.

Dwar punt 5, is-Sindku qal li kien T Castelletti u mhux Is-Sindku li qajjem is-suġġett, u li l-minuta għanda tikonkludi tgħid: '…mas-settur privat u/jew entita oħra governattiva'. Dwar l-istess punt, G Muscat qal li għanda tiġi mibdula sentenza biex tiġi taqra: 'G Muscat hawn irrimarka illi l-PV panels diġa stallati hemm bżonn jerġgħu jiġu iċċekjati mill-inġinjier għalxiex qed jintużaw u x'effett qed iħallu'.
Dwar Punt 4, is-Sindku qal li l-bidu ta' sentenza għanda tinbidel kif ġej: "Is-Sindku propona ukoll li jista isir….'
**Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 32**
Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni tal-minuti.

## PUNT 3 – KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-iskema proġetti kapitali, fuq it-tlett proġetti li applikajna għalihom, u jidher li l-aktar *feasible* li jsir huwa l-proġett tal-*park and ride*. Għal proposta tal-PV panels, ġejna infurmati li hemm xi fondi oħra ħerġin din is-sena.

   Il-proposta ta' dar tal-anzjani ukoll ma hix diffiċli biex titwettaq.

Il-konklużżjoni ta' din il-laqgħa kienet illi l-Kunsill, biex ikompli fuq dawn il-proposti, irid l-ewwel jikseb id-divoluzzjoni tal-artijiet tal-imsemmija proġetti, filwaqt li l-proposti fihom infushom ikunu aktar konkreti, bi stejjem inklużi.
G Muscat qal li jista jkun hemm fondi tal-EU fuq id-dar tal-anzjani u *day centre/child care centre*. Is-Sindku qal li meta jkollu laqgħa mal-konsulent tal-fondi tal-EU, ser iressaq dan is-suġġeriment.

2. Dwar il-monument tal-anġlu fuq il-*breakwater*, is-Sindku qal li ħarġet is-*screening letter* tal-MEPA. Jonqos xi dokumenti oħra, fosthom *no objection* min Transport Malta, qabel il-MEPA tkun tista toħroġ il-permess.

Filfatt, is-Sindku qal diġa ltaqa ma TM, u jidru li ħa jilqgħu l-proposta tal-Kunsill u jgħatu in-*no objection* tagħhom.
Jidher, għaldaqstant, illi l-permess tal-MEPA joħrog f'Settembru 2015.
Il-Kunsill qabel li jħallas il-parti tal-permess tal-MEPA li jmiss.

3. Is-Sindku qal li għamel laqgħa mac-*Chairman* tal-MEPA dwar ic-*charging station*, u qal li aħna qegħdin registered objectors. Dan ifisser li suppost niġu nitifikati bis-smiegħ tal-permess. Aħna fl-oġġezzjoni tagħna ma identifikajniex fejn irridu li c-*charging station* issir.

F Roe qal li aħna ma konniex infurmati bil-*hearing*.
Is-Sindku qal li filfatt saqsa lic-*Chairman* jispjegalu kif affarijiet kbar bħal dawn ma nirċivewomx. Ic-Chairman qal lis-Sindku li jidher li irċivejna il-korrispondenza relatata.
Is-Sindku qal li kieku għamlu id-diżinn oriġinali kif kien propost, ma kinetx iddejqu. Imma Transport Malta għamlu *minor amendment*, li ma hux *minor amendment* xejn, u bħala Kunsill aħna ma konniex nafu xejn bih dan il-*minor amendment*. Il-*minor amendment* serva biex ikunu jistgħu jgħamlu tinda u kamra mac-*charging station*.
L-iżball hu li lill-Kunsill ma bgħatulniex in-notifika li għamlu *minor amendment*.
T Castelletti qal jekk nistgħux insegwu aktar fuq dik l-email li bgħatna lill-Ministri u nitolbu risposta minnufih, min naħa tagħhom. T Castelletti qal li jekk din ġiet approvata b'*minor amendment*, din saret kontra il-proċedura jew hi anke illegali.
G Muscat propona li niktbu lil Malta Heritage fuq l-materja.

4. G Muscat qal li r-residenti ġibidlu l-attenzjoni dwar il-knis, u beda jaħseb li b'kennies wieħed ma nlaħħqux bis-servizz li hemm bżonn fil-lokal. Is-Sindku qal li Kunsill preżenti żied naqra imma xorta mhux ilaħħaq biżżejjed. Is-Sindku qal li meta ingħata dan it-tender kellna żewġ għażliet: (a) mit-Tnejn sal-Gimgħa b'żewġ kenniesa, jew (b) mit-Tnejn sas-Sibt b'kennies wieħed.

   Jekk irridu kennies ieħor, ikollna nissagrifikaw il-kennies tas-Sibt. Jew inkella, nibqaw mit-Tnejn sas-Sibt, u b'żewġ kenniesa żżda din tiġi bi spiża addizzjonali ta' €24 kuljum. Is-Segretarju qal li dan l-ammont ikun jaqbeż l-*variance* li tista tgħati fuq kuntratt.

   F Roe qal li ħmieġ partikolari ma hawnx. F Roe qal dil-ġimgħa ħareġ kuljum ma Tony mill-uffiċju biex jgħamel spezzjonijiet mal-lokal. Huwa ra il-ħmieġ fejn joqgħod G Muscat u qal lill-kuntrattur minnufih. Dan mar u kines.

   Il-Kunsill qabel li ma nistgħux nieqfu mill-knis għax tgħamel ix-xita. Għanda tinstab soluzzjoni, jew jiġi jistken il-Kunsill u jkompli wara, jew ipattu l-għada billi jżid kennies ieħor.

Is-Sindku qal li hu kuntent bis-servizz tal-kennies, forsi hemm fejn intejbu s-sistema tal-knis.

5. Is-Sindku semma li żdiditilna l-allokazzjoni finanzjarja b'madwar €7000. Irringrazzja lill-Gvern ta' dan.

6. Is-Sindku propona illi kull Kunsillier illi jattendi laqgħat f'isem il-Kunsill jibda jgħaddi rapport bil-miktub lura lill-Kunsilliera l-oħra. Dan jista isir anke b'e-mail. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sindku saqsa lil G Muscat għandux laqgħat edukattivi f'moħħu preparati. Is-Segretarju għandu jgħaddi d-dettalji lil G Muscat kif isiru it-taħdidiet dwar is-saħħa fil-Kunsill Tas-Sliema. Is-Sindku semma ukoll li Dott. Stefan Zrinzo Azzopardi għandu jgħamel talk fuq il-*Condominium Act*. Sar qbil li l-ewwel laqgħa tkun għall-amministraturi tal-appartamenti.

8. Is-Sindku qal li jidher li *Creek Developments* qed idejquhom il-latrini publiċċi issa. Huma ma qed jiproponu xejn, iżda avzaw li min nhar it-Tnejn ha jaqtaw id-dawl u l-ilma li huma qed iħallsu għal dawn il-latrini.

   T Castelletti qal li jekk ma għandhomx suġġerimenti, u li jekk verament qalu lis-Sindku dan id-diskors hekk, kieku jwieġbu li jekk jaqtaw id-dawl u l-ilma, ma jsibx kooperazzjoni ulterjuri mill-Kunsill f'xejn aktar. R Portelli u F Roe issekondaw il-proposta ta' T Castelletti. Is-Sindku ma qabilx li nkunu iebsin daqsekk lura magħhom b'dan it-ton.

   Is-Sindku qara l-email li bgħatulu *Creek Developments*. Hawn deher li d-dawl u ilma kellhom iħalsuh sa Dicembru 2014. Ilhom iħalsu xagħrejn żejda huma, u għalhekk qed jgħidu li marru oltre mill-arranġament li kellhom mal-Kunsill oriġinarjament.

   Il-Kunsill qabel biex niktbulom biex ma jaqtawx id-dawl u l-ilma sa ma niltaqaw madwar mejda u niddiskutu dan kollhu.

9. Is-Sindku qal li l-Ministeru għall-Ambjent jixtieq li jsir proġett pilota fuq il-ġbir ta' skart organiku ġewwa il-lokal, għax Ta' Xbiex diġa sejrin tajjeb ħafna fir-riċiklaġġ. Is-Sindku talab li tkun ad-diskrezzjoni tal-Kunsill jekk nkunu rridu nwaqfuha eventwalment. Is-Sindku qal ukoll li biex tali *policy* tirnexxi, trid issir kampanja edukattiva qawwija. T Castelletti qal li naqblu fil-prinċipju, filwaqt li għandna noqodu attenti għax l-ikel in-nies mhux ħa joqodu jżommuh ġo borża għal tul ta' żmien. Is-Sindku qabel.

**PUNT 4 – SUGGERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

T Castelletti – Qal li hemm bżonn nieħdu ħsieb dik il-grada. F Roe u R Protelli qalu li ser jgħidu lil tal-IPSL jgħamluha nhar it-Tnejn stess.

- Qal prosit għall-attivita tal-karnival. Marret tajjeb ħafna. F Roe qal prosit ukoll. In-nies kollha qalulom kemm kien tajjeb. Is-Sindku ssuġġerixxa li niltaqaw mal-organiżżaturi ha ngħamlu laqgħa dwar x'sar tajjeb u ħażin. Il-Kunsill qabel li kienet suċċess.
- Kien qajjem l-materja f'laqgħa oħra dwar ir-riklami ta' kumpanija partikolari fuq għamara tat-toroq fil-lokalita. Imma hemm ħafna oħrajn ukoll. Il-Kunsill qabel li ngħamlu lista ta' dawn u ngħidulhom li jekk ma jħallsux, naqlawhom.
- Ta' Xbiex *Seafront* kellom jiftħu t-triq sat-tielet ġimgħa ta' Frar, imma għada ma infetħitx.
- Hemm bżonn nibdew naħdmu fuq il-kwotazzjonijiet u tenders relatati ma *Connecting through Cultures*.
- Tony qal li inqalat siġra fejn qed namlu il-proġett tad-D's. Is-Sindku qal mhux inqalat, imma waqgħet bil-maltemp. Dan kien inċident, li filfatt din waqgħet anke fuq karozza u ġarbet xi ħsarat. G Muscat qal li l-kuntrattur żgur għandu assikurazzjoni u għandu jħallas għall-ħsarat tal-karozza hu. T Castelletti qal li l-foreman irid jgħamel rapport lill-Pulizija li waqgħet is-siġra, biex nilqgħu min qabel jekk qatt tiġi xi multa min xi awtorita dwar dan l-inċident.
- Saqsa fuq ir-rotta tal-Purċissjoni tad-Duluri, jekk sarx xi ħaġa tax-xogħol tat-tarmac? R Portelli qal li dak isir l-aħħar ġimgħa qabel il-Purċissjoni.

G Muscat – Propona li jsir CCTV fl-uffiċju bħala sigurta fuq l-iskrivani. Il-Kunsill qabel li ssir. T Castelletti qal biex niċċekjaw jekk għadiex taħdem il-*panic button* mal-Għassa tal-Imsida. Is-Sindku qal niċċekjaw tistgħax ssir mas-sistema tal-cameras li jista jkollna mal-Bring In Sites.

- Zebra crossing ta' Abate Rigord għanda bżonn iż-żebgħa u l-bankini nistgħu ngħamlulhom rampi.
- Il-culverts tax-Xatt ġew tajbin ħafna, u fin-nofs fadal tnejn, u l-IPSL lesti jgħamluhom. Il-Kunsill approva li ssir il-bankina t'hemm ukoll.
- Iz-Zebra Crossing ta' Triq il-Prinċipessa Margerita reġgħet bil-ħsara. Is-Segretarju qal talab lill-Audrey Testaferrata De Noto għal permess ta' traffic lights.
- Hemm lok fejn inżidu postijiet ta' parkeġġ fejn il-Mamma Mia. Il-Kunsill qabel issir un/loading.

F Roe – Fakkar għat-*traffic management* temporanju ta fejn il-Gala.

- It-triq ta' Abate Rigord qed terġa tisfronda. Nitolbu l-WSC biex jgħamlu resurfacing sewwa għax re-instatement mhux tajjeb.
- Fejn joqgħod F Roe, fejn jispiċċa r-residents parking għanda tiċaqlaq it-tabella, ħa nigwadanjaw parking ġdid għar-residenti. Il-Kunsill qabel.

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv